MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 243/2011

**Adrian Sciberras (ID-224580M) a nom u in rapprezentanza ta' Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd.**

**vs**

**Giovanna Anna Tanti**
**ID-31068(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-intimata kienet akkwistat laptop minghand is-socjeta' attrici fis-26 ta' Novembru 2009 u dan ghal prezz ta' seba' mija u tmenien Ewro (€780).

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet l-intimata baqghet inadempjenti fil-hlas tal-bilanc fl-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550.00) u dan kif jidher mid-dokument kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. "A".

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici talbet sabiex l-intimata tigi kkundannata thallas il-bilanc.

Bl-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u hamsin Ewro (€550.00). L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------